MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 1576/1998/1

**John Baptist Caruana**

**v.**

**Rosanna Caruana**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat mill-attur li jghid hekk:
"Premess illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet kontendenti m'ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju, eccessi u ngurji gravi da parti tal-konvenuta;

"Premess illi l-attur gie debitament awtorizzat li jipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’dan is-sens moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili;

"Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;

“2. Tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta martu;

“3. Tapplika kontra l-konvenuta, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

“4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista ukoll tad-dati ta’ l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, billi okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

“5. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni kollha parafernali tieghu;

“6. Tawtorizza lill-attur illi jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Illi l-ewwel talba tal-attur ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijix opposta b’dan pero` illi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti;

"2. Illi t-tieni talba ma hijix opposta b’dana illi ghandha tkun il-konvenuta li tibqa’ tirrisjedi fid-dar matrimonjali;

"3. Illi t-tielet talba hija opposta billi l-konvenuta qatt ma tat lok ghall-applikazzjoni tal-imsemmija artikoli tal-ligi kontra taghha;

"4. Illi r-raba’ talba, jigifieri t-talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhijix opposta b’dan pero` illi jigi kkunsidrat illi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-diposizzjoni tal-ligi citata mill-attur u di piu’ l-attur iddekada minn porzjoni sostanzjali ta’ sehemu mill-gid komuni;

"5. Illi l-hames talba m’hijix opposta b’dan pero` illi jigi ppruvat liema huma l-oggetti dotali jew parafernali tal-attur, u b’riserva fis-sens illi l-konvenuta ma hijix fil-pussess ta’ kwalunkwe gid tal-attur;

“6. Illi s-sitt talba m’hijix qed tigi opposta mill-konvenuta.

“7. Salv eccezzjonijiet ohra

Rat il-kontro talba imressqa mill-konvenuta li tghid hekk:
"Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar poossibbli minhabba adulterju, sevizzi, minacci, insulti, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-attur.

"Billi l-konvenuta giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’dan is-sens

moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili liema digriet inghata fuq talba tal-attur izda illi jestnedi ghall-fini tal-prezentata tal-proceduri odjerni bl-operazzjoni tal-Artikolu 37(3) tal-Kapitolu 16.

"Jghid l-istess attur ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-attur u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-istess attur ghandu jkun kunsidrat li minnu kien hati tal-firda.

"2. tawtorizza lill-konvenuta illi tghix separata mill-attur ragel taghha.

"3. tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta, ghaliha dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-attur lill-istess konvenuta fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex il-konvenuta tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-attur.

"4. tapplika kontra l-attur interamnet jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

"5. tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attur ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijijet illi jigu assenjati wahda lill-konvenuta u l-ohra lill-istess attur billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att

relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

"6. tikkunda lill-attur jikkonsenja lill-konvenuta l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-konvenuta tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

"7. tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-konvenuta.

"8. tawtorizza lill-konvenuta illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

"9. tawtorizza lill-konvenuta sabiex tirreverti lura ghall-kunjom xbubitha, ossija Saliba.

"Bl-ispejjez, komplrizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond Awla ta' din il-Qorti, kontra l-attur illi huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghal kontro-talba tal-konvenuta li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi filwaqt li l-ewwel talba ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali m'hijiex opposta, hija pero` mart l-eccipjent li tahti ghall-istess;

"2. Illi t-talba sabiex l-eccipjent jigi ordnat ihallas retta alimentarja lil martu hija ghal kollox insostenibbli;

"3. Illi hija insostenibbli ukoll it-talba sabiex jigu applikati kontra l-eccipjent id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili;

"4. Illi ghal finijiet tal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha titqies il-htija ta' mart l-eccipjent ghat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili;

"5. Illi hija mart l-eccipjent li ghandha tigi allontanata mid-dar taz-zwieg.

"6. Bir-riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-30 ta’ Ottubru, 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
“[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet; u ghall-finijiet ta’ l-artikolu 48[c] tistabbilixxi d-data ta’ l-1 ta’ April 1996 fil-konfront taz-zewg partijiet;

“[2] tilqa’ t-tieni talba;

“[3] tilqa’ t-tielet talba, u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16, fl-intier tieghu;

“[4] tilqa’ ir-raba’ talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjha kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”;

"[5] tichad il-hames talba, stante li l-attur ma gabx provi f’dan ir-rigward;

"[6] tilqa’ s-sitt talba;

"L-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet

"Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:

"[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens fuq deciz;

"[2] tilqa’ t-tieni talba;

"[3] tichad it-tielet talba, stante li l-konvenuta ddekadiet fit-termini ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16 applikat fl-intier tieghu;

"[4] tilqa’ ir-raba’ talba, kif fuq deciz;

"[5] tilqa’ il-hames talba, kif fuq deciz;

"[6] tilqa’ is-sitt talba u tordna li l-attur jikkonsenja lill-konvenuta l-beni kollha dotali u parafernali taghha, senjatament id-deheb illi hemm fil-pussess tieghu;

"[7] tichad is-sebgha talba;

"[8] tilqa’ t-tmien talba;

"[9] tilqa’ d-disa’ talba u tawtorizza lill-konvenuta tirriverti lura ghal kunjom xbubitha cioe` ‘Saliba’.

"L-ispejjez kollha ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna u tal-kontrotalba, il-partijiet qedin jitolbu s-separazzjoni personali ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta attribwibbli lil xulxin reciprokament; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

“**Kwadru tal-fatti**

“Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-30 ta’ Awissu 1979 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 18-il sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sena, u wara li l-konvenuta kienet harget tqila mill-attur.

“Illi meta zzewwgu l-partijiet ma kienux jafu lil xulxin bizzejjed, bir-rizultat li l-konvivenza matrimonjali bdiet tixxaqqaq rizultat tad-diversi problemi li bdew jirriskontraw il-partijiet. Jidher li s-sitwazzjoni aggravat ruhha meta fis-sena 1991 l-attur ammetta mal-konvenuta li huwa kellu relazzjoni adultera ma terza persuna jidentifikatha b’isimha; izda l-partijiet xorta wahda ppersistew fil-konvivenza matrimonjali, u fittxew ukoll ghajnuna professjonali, pero` minghajr success. Fis-sena 1996 il-konvenuta kellha relazzjoni adulteruza qasira mall-

imghallem taghha, kif ukoll relazzjoni adultera ohra ta' ftit jiem ma' persuna minn Ghawdex.

"Fil-frattemp il-konvenuta kienet tinfexx fix-xorb, bir-rizultat li kienet iggib ruhha hazin, b'incidenti javveraw ruhhom bejn il-partijiet, li kienu nnecessitaw l-intervent tal-pulizija.

"Il-premess kien irrenda mpossibbli l-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet, u wassal ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg taghhom.

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali, fis-sens li l-htija ghas-separazzjoni personali hija attribwibbli liz-zewg partijiet, u dan fl-istess grad: minn naha tieghu, l-attur jahti ghax kien hu li kellu l-ewwel relazzjoni adultera f'dan iz-zwieg fis-sena 1991; filwaqt li l-htija tal-konvenuta tirrisjedi fil-komportament konsegwenzjali abuziv taghha konsistenti f'sevizzi fil-konfront ta' zewgha rizultat ta' l-abbuz mill-alkohol da parti taghha, kif ukoll l-adulterju kommess minnha fis-snin 1995 u 1997.

"Ghaldaqstant it-talba ghas-separazzjoni personali hija gustifikata, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 38 da parti ta' l-attur, u fl-artikoli 38 u 40 da parti tal-konvenuta; liema ragunijiet jattiraw id-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48 ta' l-istess kapitlu, u ghall-finijiet tas-sub inciz [1][c] qed tigi stabbilita d-data ta' 1 ta' April 1996

"**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

"Illi l-assi tal-komunjoni jikkonsistu fis-segwenti:

"[1] Il-maisonette numru tlettax [13] fi Triq San Vincenz go Birzebbugia, li kienet id-dar matrimonjali tal-partijiet u li giet stmata mill-perit tekniku fis-somma ta' elf disgha u sebghin tlett mija u wiehed u sittin Ewro u hamsa u sebghin ewro centezmu [€179,361.75] ekwivalenti ghal sebgha u sebghin elf liri Maltin [LM77,000]. Dan il-fond kien gie akkwistat b'sub cens perpetwu fil-kors taz-zwieg,

u ghalhekk ma  hemmx dubju li din id-dar tappartjeni lill-komunjoni ta’ l-akkwisti, nonostante dak allegat mill-konvenuta li kien sar xoghol sostanzjali izda “gratuwitu” minn familjari taghha, senjatament nannuha.  Inoltre, jirrizulta li l-attur ghamel diversi xogholijiet ta’ finishing fl-istess fond.

"[2] Garage sitwat fi triq San Gwann Birzebbugia, kif jidher fuq il-pjanti annessi mar-relazzjoni tal-perit tekniku, tal-valur ta’ erbatax-il elf sitt mija u hamsa u sebghin Ewro u hames ewro centezmi [€14,675.05] ekwivalenti ghal sitt elef u tlett mitt lira Maltin [LM6,300].

"[3] Appartament fil-Mellieha, fi Triq il-Madonna ta’ l-Ghar kantuniera ma’ Triq il-Mithna l-Gdida, kif jidher fuq il-pjanta annessa mar-relazzjoni tal-perit tekniku, tal-valur ta’ erbgha u sebghin elf hames mija u disgha u tletin Ewro u hamsa u disghin ewro centezmu [€74,539.95] ewkivalenti ghal tnejn u tletin elf lira Maltin [LM32,000], li fuqhu hemm dejn ta’ ’l fuq minn tlettax-il elf disa’ mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin ewro centezmu [€13,976.24] ekwivalenti ghal sitt elef liri Maltin [LM6,000] kif indikat fil-paragrafu [iii] tal-partita D2 fil-pagna 85 tar-relazzjoni tal-perit legali.

"Illi in propozitu ghal dawn l-assi, il-Qorti tosserva li, kif konkluz mill-perit legali, il-pagamenti li saru mill-attur tal-loans, u spejjez relatati, fuq dawn il-fondi, mill-1 ta’ April ’il quddiem ghandhom jigu rifuzi lilu mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh;  u dana tenut kont tal-fatt li dawn il-pagamenti saru mill-“akkwisti” tieghu wara l-imsemmija data.  Inoltre, il-hlas ta’ dawn il-pagamenti jsarraf fi prezz oghola tal-bejgh tal-proprjeta’, liema fattur jibbenefika liz-zewg partijiet.

"Ghaldaqstant din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali f’dan ir-rigward; fis-sens li l-attur ghandu kreditu kontra l-komunjoni ta’ l-akkwisti rapprezentati ripagamenti tas-self, u spejjez relatati, maghmula minnu mill-1 ta’ April 1996  ’il quddiem.

"[4] Flus kontanti fl-ammont ta’ hamest elef tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin centezmu

[€5,823.43] ekwivalenti ghal elfejnu hames mitt lira Maltin [LM2,500] li fil-prezent jinsabu depozitati mal-konsulenti legali tal-partijiet.

"[5] Vettura Skoda Favorit numru CAS 071, stmata arbitrio boni viri fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin ewro centezmu ekwivalenti ghal tlett mitt lira Maltin [Lm300].

"[6] Effetti mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali u l-appartament tal-Mellieha, u li la gew elenkati u lanqas stmati[1].

"[7] Kontijiet bankarji fuq isem il-partijiet, jew parti, mid-data taz-zwieg sa' l-1 ta' April 2006.

"*Assenjazzjoni*

"Il-Qorti tordna li l-assi fuq indikati jigu assenjati kif ser jinghad:

"[1] Id-dar matrimonjali - [1] fi Triq San Vincenz go Birzebbugia - tinbiegh bi prezz ta' mhux anqas minn €179,361.75 fis-suq liberu fi zmien sena, u, fin-nuqqas, tinbigh bis-subbasta; u r-rikavat - wara li jitnaqqas minnu u jithallas id-dejn gravanti l-istess fond, u wara li jitnaqqas l-ammont imhallas mill-attur mill-1 ta' April 1996 kif fuq spjegat sabiex jithallas lill-istess attur - jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet. Il-kontijiet pendenti tad-dawl u ilma ghandhom jithallsu mill-konvenuta.

"[2] Il-garage sitwat fi triq San Gwann Birzebbugia, ghandu wkoll jinbigh fuq is-suq liberu bil-prezz ta' mhux anqas minn €14,675.05 fi zmien sena, u fin-nuqqas, jinbigh bis-subbasta; u r-rikavat - wara li jitnaqqas minnu u jithallas id-dejn gravanti l-istess fond, u wara li jitnaqqas l-ammont imhallas mill-attur mill-1 ta' April 1996 kif fuq spjegat sabiex jithallas lill-istess attur - jinqasam

[1] Il-Qorti skartat l-informazzjoni dwar oggetti u valuri li gew indikati biss fin-nota ta' sottomissjoni ta' l-attur.

ugwalment bejn iz-zewg partijiet; u l-kontijiet pendenti tad-dawl u ilma ghandhom jithallsu minn sehem l-attur.

“[3] L-appartament fil-Mellieha, fi Triq il-Madonna ta’ l-Ghar kantuniera ma’ Triq il-Mithna l-Gdida, ghandu wkoll jinbigh fuq is-suq liberu bil-prezz ta’ mhux anqas minn €74,539.95 fi zmien sena, u fin-nuqqas, jinbigh bis-subbasta; u r-rikavat - wara li jitnaqqas minnu u jithallas id-dejn gravanti l-istess fond dovut lil missier l-attur, u wara li jitnaqqas l-ammont imhallas mill-attur mill-1 ta’ April 1996 kif fuq spjegat sabiex jithallas lill-istess attur - jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet; u l-kontijiet pendenti tad-dawl u ilma ghandhom jithallsu minn sehem l-attur

“Il-partijiet qedin minn issa jigu ordnati li jivvakaw il-postijiet fuq indikati fi zmien sena li din is-sentenza tghaddi f’gudikat.

“[4] Il-flus kontanti u d-depoziti bankarji, fuq indikati, ghandhom jinqasmu wgwalment bejn il-partijiet.

“[5] Il-vettura Skoda ghandha tibqa’ fil-pussess ta’ l-attur li minn naha tieghu ghandu jghati lill-konvenuta s-somma ta’ €349.41 bhala ekwiparazzjoni.

“[6] L-effetti mobbli li jinsabu fil-fondi fuq indikati, jekk ma jinqasmux bonarjament, ghandhom jinbighu fi zmien sena bis-subbasta, wara li jigu elenkati u stmati mill-istimatur Vincent Ciliberti li qed jigi nominat espert ghal dan il-ghan, a spejjez taz-zewg partijiet.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konventa li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti,
"... ... ... billi filwaqt illi tikkonfermaha nkwantu laqghet l-ewwel talba tal-attur appellat, u ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet; u ghall-finijiet tal-Artikolu 48[c] stabbiliet id-data tal-1 ta’ April 1996 fil-konfront taz-zewg partijiet; u nkwantu laqghet it-tieni talba tal-attur appellat; u nkwantu laqghet it-tielet talba tal-attur appellat, u

applikat fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16, fl-intier tieghu; u nkwantu laqghet ir-raba’ talba tal-attur appellat u ddikjarat xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u illikwidatha u assenjatha kif stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni tal-Akkwisti" tal-istess sentenza izda mhux inkwantu ddikjarat illi l-attur appellat ghandu kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti rapprezentanti ripagamenti ta’ self u spejjez relatati u ordnat illi dawn il-krediti jithallsu lill-istess attur appellat mir-rikavat tal-bejgh tal-immobbili komuni identifikati fl-istess sentenza; u nkwantu cahdet il-hames talba tal-attur appellat; Laqghet is-sitt talba tal-attur appellat u ordnat illi l-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet; laqghet l-ewwel talba tal-konvenuta appellanti fis-sens fuq deciz; laqghet it-tieni talba tal-konvenuta appellanti; cahdet it-tielet talba tal-konvenuta appellanti; cahdet it-tielet talba tal-konvenuta appellanti; laqghet tal-konvenuta appellanti ir-raba’ talba izda mhux inkwantu ddikjarat illi l-attur appellat ghandu kreditu kontra l-kommunjoni tal-akkwisti rapprezentanti ripagamenti ta’ self u spejjez relatati u ordnat illi dawn il-krediti jithallsu lill-istess attur appellat mir-rikavat tal-bejgh tal-immobbili komuni identifikati fl-istess sentenza; laqghet il-hames talba tal-konvenuta appellanti; laqghet is-sitt talba tal-konvenuta appellanti u ordnat li l-attur jikkonsenja lill-konvenuta l-beni kollha dotali u parafernali taghha, senjatament id-deheb illi hemm fil-pussess tieghu; cahdet is-seba’ talba tal-konvenuta appellanti; laqghet it-tmien talba tal-konvenuta appellanti; laqghet id-disa’ talba tal-konvenuta appellanti u awtorizzat lill-konvenuta tirriverti lura ghal kunjom xbubitha cioe` "Saliba", u nkwantu ordnat illi l-ispejjez kollha ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, tirrevokaha inkwantu ddikjarat illi l-attur appellat ghandu kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti rapprezentanti ripagamenti ta’ self u spejjez relatati u ordnat illi dawn il-krediti jithallsu lill-istess attur appellat mir-rikavat tal-bejgh tal-immobbili komuni identifikati fl-istess sentenza u minflok tordna illi wara l-hlas tad-dejn iehor identifikat fl-istess sentenza, l-istess rikavat ghandu jigi maqsum minghajr allura jsir il-hlas tal-«kreditu» hekk vantat mill-attur appellat.

Bl-ispejjez kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li l-appell interpost ghandu jigi respint, fic-cirkostanzi kollha bhala wiehed frivolu u vessatorju;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta' separazzjoni bejn il-kontendenti li zzewgu fit-30 ta' Awwissu, 1979, wara li l-konvenuta kienet harget tqila mill-attur u welldet tifla, Clare, li llum hija maggorenni. L-ewwel Qorti ttrattat il-kawza bl-ghajnuna ta' esperti legali u teknici minnha mahtura, u eventwalment waslet ghall-konkluzjoni li tippronunzja s-separazzjoni ghar-raguniijiet imputabbli liz-zewg partijiet, u applikat fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, b'dan li ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) stabbiliet id-data tal-1 ta' April, 1996, bhala d-data meta z-zewg partijiet ghandhom ikunu kkunsidrati hatja tal-firda. In ottemperanza mar-regola hemm stabbilita, l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenuta tirrifondi lill-attur nofs il-hlasijiet u spejjez relatati li l-attur ghamel in rifuzjoni tas-self wara l-imsemmija data tal-1 ta' April, 1996. Is-self kien ittiehed ghall-akkwist tad-dar matrimonjali f'Birzebbuga, garaxx fl-istess rahal u appartament il-Mellieha, li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejn il-konjugi Caruana.

L-appell tal-konvenuta kontra s-sentenza tal-ewwel Qorti hu precizament u limitatament dirett kontra din l-ordni partikolari tal-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti, fil-fatt, ordnat li dawn it-tlett proprjetajiet jinbieghu u r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet wara li jitnaqqsu d-djun gravanti l-istess fondi u wara li jitnaqqas l-ammont imhallas mill-attur mill-1 ta' April, 1996, kif fuq inghad.

Il-konvenuta tilmenta mhux biss dwar il-mod vag u impreciz kif inghatat din l-ordni – peress li fis-sentenza ma giex kwantifikat kemm ghandu jiehu lura l-attur, u lanqas ma gew identifikati l-“ispejjez relatati” li suppost jinghataw lura lill-attur – izda wkoll dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ma qiesitx il-kontribuzzjoni taghha lejn il-familja wara dik id-data.

Trattat dan l-ilment, din il-Qorti tinnota li meta l-Artikolu 48(c) jitkellem fuq ir-ritorn ta’ nofs l-akkwisti (f’dan il-kaz, iz-zieda fil-valur tal-proprjeta` in vista tal-hlasijiet li ghamel l-attur), wiehed irid iqis il-kontributi b’kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3 tal-istess Kodici. Issa, f’dan il-kaz, ghalkemm hu minnu li l-attur ghamel hlasijiet akkont tas-self wara l-1 ta’ April, 1996, jirrizulta wkoll li f’Settembru tal-1998, l-attur telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix band’ohra, u kienet il-konvenuta li, wahedha, baqghet tiehu hsieb dak li kien fadal mill-familja, partikolarment l-istess dar matrimonjali, u l-manutenzjoni regolari li din kellha bzonn, u, fuq kollox, lill-istess bintha, Clare.

Kif qal tant tajjeb Lord Nicholls of Birkenhead fil-kawza **White v. White**, deciza mill-House of Lords fl-Ingilterra fis-26 ta’ Ottubru 2000[2],
“If, in their different spheres, each contributed equally to the family, then in principle it matters not which of them earned the money and built up the assets. There should be no bias in favour of the money-earner against the home-maker and the child-carer.”

Kienet il-konvenuta li, f’dan il-kaz, tat sehemha mhux biss biex tghin lit-tifla fil-hajja taghha, izda anke biex il-fond matriimonjali jibqa’ fi stat tajjeb ta’ tiswija, b’mod li baqa’ jzomm il-valur ordinarju tieghu. Dan in-“negative value” (spiza inkorsa biex l-oggett jibqa’ jzomm l-istat tieghu u ma jiddeterjorax) huwa wkoll “kontribut” b’valur ekonomiku (ara **Grech v. Gauci**, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ April, 1954) li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-Artikolu 48(c).

[2] [2000]UKHL 54; [2001] 1AC 596.

Jirrizulta wkoll li f'Settembru tal-1977, l-attur biddel is-serratura tal-appartament tal-Mellieha u cahhad lill-konvenuta mid-dgawdija effettiva ta' dak il-fond, b'mod li ghal dan it-telf ta' uzu jixraq li hi tkun kkumpensata.

Bil-mod kif sehhew l-affarijiet f'dan il-kaz jidher li jkun aktar ekwu li din il-Qorti tuza d-diskrezzjoni moghti lilha bl-Artikolu 52 tal-istess Kodici Civili, u tordna li l-attur m'ghandux jigi rifuz il-pagament li hu ghamel akkont tas-self wara l-1 ta' April, 1996, u lanqas tal-"ispejjez relatati".

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuta billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tirrevoka dik il-parti ta' dik is-sentenza fejn ordnat li, wara li jsir il-bejgh tal-proprjetajiet immobbli, l-attur ghandu jithallas "tas-self u spejjez relatati maghmula minnu mill-1 ta' April, 1996, 'il quddiem", u tikkonfermaha ghall-bqija – fi kliem iehor, tordna li, mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjetajiet indikati, wara li jsir il-hlas tad-dejn l-iehor identifikat mill-ewwel Qorti, l-istess rikavat ghandu jigi maqsum b'mod ugwali minghajr ma jsir il-hlas tal-"kreditu" hekk vantat mill-attur.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' dan l-appell ghandhom jithallsu mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------